# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/8

It-Tlieta 06 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella - Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

003.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

003.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (02/8 [08/07/19]);

003.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

003.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

003.5 Rapporti;

003.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

003.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

003.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.35pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**003.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

003.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**003.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (002/8 [08/07/19])**

003.2.1 Ratifika tal-laqgħa tat-08 ta' Lulju 2019. Is-Sindku qalet li skont diversi artikli tal-liġi dwar il-Kunsill Lokali (Kap 383) u l-Ordnijiet Permanenti, din il-laqgħa għandha tiġi ratifikata fl-intier tagħha peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma setax jattendi waqt din il-laqgħa u ta d-delega lis-Sur Joseph M. Formosa sabiex jaġixxi f'ismu waqt din il-laqgħa.

Din ir-ratifika ġiet approva nem con.

003.2.2 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija. Il-Kunsill b'mod unanimu approva dawn il-minuti 002/8 (08/07/19).

**003.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

003.3.1 Firmatarji fuq il-kontijiet tal-Kunsill. Is-Sindku stqarret li ġie indikat lilha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li huwa s-Sur Ranier Busuttil bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku li għandhom ikunu firmatarji taċ-ċekkijiet maħruġa mill-Kunsill.

Saret diskussjoni fejn kemm il-Viċi Sindku (Sindku uxxenti) kif ukoll is-Sur MA Sammut u s-Sur S Caruana (li kienu wkoll fil-Kunsill preċedenti insistew li l-Kunsill kien qabel li s-Sur Formosa jibqa' firmatarju flimkien mas-Sindku u dan peress li s-Sur Busuttil kien Aġent u ma kienx ikun fl-aħjar interess tal-Kunsill li jibdel il-firmatarji bil-possibilità li jkun hemm bidla meta jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv ġdid.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li ċ-ċekkijiet kienu joħorġu wara kull pagament jiġi approvat mill-Kunsill skont l-iskeda ta' pagamenti li kienet tiġi approvata u ffirmata kemm is-Sindku, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera oħra preżenti waqt il-laqgħat. Is-Sur JM Formosa kien ukoll jiffirma din l-iskeda u allura ma setax ikun il-każ li xi darba joħroġ pagament mhux approvat mill-Kunsill u fil-fatt dan qatt ma seħħ.

Is-Sur Busuttil stqarr li ma kien hemm xejn kontra l-liġi infatti awdituri diversi qatt ma għamlu xi osservanza dwar dan.

003.3.2 Ħruġ ta' pagi u onorarja. Kemm il-Viċi Sindku u xi Kunsilliera oħra ġibdu l-attenzjoni tas-Sindku li jidher ċar li kemm il-pagi kif ukoll l-onorarja għandhom ma ħarġux.

Is-Sindku wieġbet illi l-Ħamis 08 ta' Awwissu 2019 għandha laqgħa u wara din il-laqgħa hija tkun tista' tgħaddi l-pagamenti lill-istaff, lill-kunsilliera kif ukoll dawk li huma fil-lista tal-pagamenti.

Dwar it-triq 'il quddiem is-Sindku qalet li għandhom jinbidlu l-firmatarji u li dwar id-dewmien ta' bdil tal-firmatarji minħabba proċeduri bankarji dwar li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jiġi konsidrat bħala Politically Exposed Person (PEP) hija tkun lesta li tgħin fejn tista'. Is-Sur Busuttil insista illi huwa mhux lest ikun firmatarju fuq iċ-ċekkijiet jekk il-bank jitlob li huwa jiġi kunsidrat PEP għax dan huwa ta' skomdu għalih u persuni oħra qrib tiegħu.

003.3.3 Laqgħa mad-diriġenti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Is-Sindku qalet li hija flimkien mas-Sur JM Formosa kellha laqgħa mad-diriġenti tal-MIA li kif spjegat is-Sindku din il-laqgħa ġabet proposti li jgħinu dwar il-parkeġġ fil-Gudja u fosthom affarijiet oħra.

Fosthom, żjara fl-Ajruport madwar il-mitjar għat-tfal (mhux kollha f'daqqa) fi żmien tal-iskola.

Ideat dwar proġetti. Is-Sindku qalet li l-MIA talbu l-proġetti li jistgħu jkunu fattibbli flimkien mal-MIA u għalhekk talbet li kemm jista' jkun malajr li kull min għandu xi idea jressaqha sabiex din tiġi studjata u mbagħad tmur għand l-MIA dwar parteċipazzjoni u finanzjament skont kif ikun il-każ.

Uħud mill-Kunsilliera rrimarkaw li dawn l-ideat kienu diġà tressqu fosthom l-inħawi Ta' Loreto u bnadi oħra iżda jidher ma kienx hemm progress.

Is-Sindku wieġbet li dwar l-inħawi Ta' Loretu jidher li l-MIA mhux interessati għaliex dan mhux fiċ-ċentru iżda żgur li hemm proġetti oħra li jistgħu jiġu konsidrati.

Is-Sindku qalet li fil-fehma tagħha l-MIA jifhmu li l-isfidi tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja huma kbar u għalkemm din hija inizjattiva mhux tant kbira din sejra ttaffi ftit mill-problema.

Is-Sindku qalet ukoll li fi żmien sena l-MIA sejra żżied il-parkeġġ b'madwar 1300 post u anke din sejra wkoll tkun opportunità li tnaqqas il-problema ta' parkeġġ fil-Gudja.

Is-Sindku stqarret ukoll li hemm ħidma fit-tul dwar l-isfidi ta' parkeġġ fil-Gudja.

Is-Sur Caruana qal li laqgħat bħal dik mal-MIA huma tajbin, infatti dawn kienu wkoll ideat tagħhom, iżda wieħed għandu jkun infurmat qabel dawn il-laqgħa u b'hekk wieħed ikun jista' jattendi u jagħti s-sostenn tiegħu kif ikun meħtieġ.

Is-Sindku wieġbet li ma hemmx problemi li membri tal-Kunsill ikunu preżenti waqt dawn il-laqgħat.

003.3.4 Art fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sindku qalet li hija qiegħda taħdem dwar id-devoluzzjoni ta' din l-art favur il-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sindku qalet li hija se tara dwar l-applikazzjoni u li dan il-proġett jimxi fuq linji dwar dak li kien ippropona xi żmien ilu l-Perit William Lewis.

Is-Sindku qalet li hija kienet sejra tikkuntattja wkoll lill-Perit W. Lewis dwar dan il-proġett.

Waqt li nġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu perit ieħor hija rrimarkat li peress li l-Perit Lewis diġà ħadem fuq il-proġett ikun aktar jaqbel li jiġi mqabbad dan il-Perit.

003.3.5 Spazju miftuħ quddiem il-Gudja United Football Ground. Is-Sindku qalet li hija kienet ordnat sabiex dan l-ispazju jitnaddaf u li jiġu riġenerati fi żmien qasir minħabba attività fuq livell nazzjonali tal-Gudja United FC. Is-Sindku stqarret li ġie mqabbad kuntrattur, sar xogħol tajjeb u fi żmien qasir u l-ispiża tlaħħaq €2100.00.

Saret diskussjoni dwar kif ingħata dan ix-xogħol u dwar l-involviment tal-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sur Caruana staqsa jekk kellhiex toħroġ xi kwotazzjoni.

Is-Sur Sammut stqarr li ħadd ma jkun kontra li jsir tindif u tisbiħ u li jinħolqu aktar spazji fejn wieħed jista' jirrikrea ruħu. Is-Sur Sammut qal li d-diċenzja titlob li l-Kunsilliera kollha għandhom ikunu ikkonsultati u infurmati dwar dak li jkun se jseħħ għaliex mhux ħaġa f'lokha li l-Kunsill jiġi infurmat wara speċjalment meta l-ħaġa tkun ukoll tinvolvi l-finanzi tal-Kunsill.

Is-Sur Caruana rrimarka illi huwa kien sar jaf li tal-Gudja United FC kienu kellmu lis-Sindku dwar dan iżda kien jistenna li s-Sindku tinforma lill-Kunsilliera kollha qabel taqbad u tiddeċiedi għaliex dan ma jagħmilx tajjeb għas-solidarjetà meħtieġa fil-ħidma tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġbet li din l-attività ġrat mil-lum għal għada u hija kienet infurmata li x-xogħol kien kemxejn diffiċli u ma kienx possibbli li jinħadem kollu bin-nies disponibbli għall-Kunsill u l-Kunsill lanqas għandu l-makkinarju kif kien meħtieġ.

Is-Sindku żiedet li hemm ukoll il-ħtieġa ta' qlugħ ta' arblu dekorattiv tad-dawl li jeħtieġ li jinqala' u floku jsir arblu bid-dawl aktar modern u effiċjenti li jdawwal aħjar lill-inħawi.

Meta u jekk jista' jiġi msewwi sewwa dan l-arblu l-antik il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fejn ikun il-lok xieraq li jitwaħħal dan l-istess arblu.

Il-Kunsill qabel li jiġu kkuntattjati l-Enemalta u l-kuntrattur tal-istreet lighting sabiex jaħdmu u jikkordinaw flimkien dwar il-ħidma meħtieġa sabiex l-inħawi jkun imdawla aħjar u dwar il-possibilità li dan l-arblu dekorattiv jiġi fi stat tajjeb għal użu f'lok ieħor xieraq.

Dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni qabel ittieħdet id-deċiżjoni, is-Sindku stqarret li għal darba oħra sejra tkun hemm komunikazzjoni aħjar.

003.3.6 Ħasla liz-zuntier tal-Knisja minħabba ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku qalet li hija kienet ġiet avviċinata mill-Arċipriet dwar dan ix-xogħol. Saret diskussjoni.

Is-Sur Caruana qal li bħas-snin l-imgħoddija għandha tingħata ħasla liz-zuntier qabel kull festa (possibbilment bil-power wash) u dan minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem.

Ġie nnutat ukoll li fil-passat kien hemm tgergir mill-każini tal-baned minħabba li l-ilma jista' jagħmel ħsara fl-armar. Is-Sindku wieġbet li hija kienet sejra tara li x-xogħol meħtieġ isir direttament fuq inkarigu tal-Arċipriet u li l-Kunsill jagħmel il-ħlas meħtieġ.

003.3.7 Xogħol ta' ġonna. Is-Sindku qalet li fil-preżent il-Kunsill qed jaħdem fuq bażi ta' emerġenza billi jqabbad b'mod dirett lil min jaħrat u li jsaqqi f'postijiet diversi madwar il-Gudja. Il-ħaddiema tal-Kunsill bl-għajnuna ta' Jonathan Zammit qed jaraw li kemm Ġnien R. Caruana kif ukoll Ġnien Ġ. Cassar jitnaddfu l-bins b'mod regolari. Is-Sindku rrimarkat li l-kuntrattur l-ELC kien waqaf ħabta u sabta filwaqt il-proċedura tat-tender li kienet bdiet qabel din il-leġislatura sabiex xi diffikultà. Għalhekk fiċ-ċirkustanzi preżenti l-Kunsill għandu jwaqqaf il-proċedura u jerġa' joħroġ tender ġdida għal ġonna u spazji miftuħa ġewwa l-Gudja.

003.3.8 Latrini pubbliċi. Is-Sindku qalet li sar xogħol ta' manutenzjoni u tibdil ta' diversi affarijiet f'dawn il-latrini pubbliċi li jlaħħaq għas-somma ta' madwar €1300. Is-Sindku qalet li hija tinsab infurmata li l-Kunsill preċedenti kien irrifjuta l-offerta peress li din kienet għolja wisq. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill għandu jipprovdi toilet paper u aċċessorji oħra sabiex dawn il-latrini jinżammu fl-aħjar stat possibbli.

Saret diskussjoni fejn intqal li l-Kunsill preċedenti kien ikkonsidra li jitlob ħaddiem jew ħaddiema tal-Comunity Workers Scheme sabiex jagħtu s-servizz meħtieġ fiż-żamma tal-latrini.

Is-Sindku qalet li fiċ-ċirkustanzi l-persuni li ħadmet fuq il-manutenzjoni tal-latrini tintalab sabiex tagħti kwotazzjoni ta' kemm tkun trid sabiex tieħu ħsieb il-latrini.

Is-Sindku qalet ukoll li għandha toħroġ sejħa ġdida għal offerti dwar iż-żamma tal-latrini.

003.3.9 Laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni Onor E. Bartolo. Is-Sindku qalet li tinsab konxja li l-Kunsill preċedenti kien għamel tentattivi sabiex jikseb żewġ kmamar oħra biswit il-librerija G. Zammit u li l-proġett i l-Kunsill kellu ġewwa l-iskola dwar il-LLL twaqqaf ħesrem.

Is-Sindku qalet ukoll li l-grupp Agones FC talbuha sabiex possibbilment jinsab spazju għal-laqgħat tagħhom.

F'dan ir-rigward is-Sindku stqarret li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-Ministru Bartolo bil-għan li jinkiseb il-progress meħtieġ f'dan ir-rigward.

F'dan l-istadju s-Sur Caruana rrimarka illi għall-ewwel darba din is-sena ġewwa l-Gudja ma nfetħitx Skola Sajf għalkemm kien hemm 49 applikazzjoni liema tfal kellhom imorru l-iskola ta' Ħal Għaxaq bit-trasport provdut.

Is-Sur Caruana rrimarka illi filwaqt l-iskola tal-Gudja ma infetħitx għal 49 student residenti fil-Gudja, din l-istess skola ġewwa l-Gudja infetħet għal 23 studenti (mhux mill-Gudja) fuq bażi privata.

Is-Sur Caruana qal li dan huwa insult għall-Gudja u din it-tema għandha titqajjem mal-Ministru Bartolo sabiex jiġi assigurat li dak li ġara ma jerġax jirrepeti ruħu.

003.3.10 Laqgħa tal-librerija. Is-Sindku qalet li flimkien mas-Sur JM Formosa kellha laqgħa mas-Sa. Margaret Zammit Deputat Librara u żewġ uffiċjali oħra li fil-fehma tagħha din il-laqgħa kienet bla aġenda u kemxejn inprevista iżda jidher li minnha ħareġ ħafna ġid u li l-pożizzjoni tal-librerija u l-librara preżenti tidher aktar ċara.

Is-Sur Caruana stqarr li fil-fehma tiegħu l-librara preżenti qiegħda fuq servizz ta' emerġenza. Is-Sur Caruana qal li meta l-librara kienet intalbet sabiex tiftaħ il-librerija nhar ta' Sibt hija qalet li dan ma tistax tagħmlu peress li nhar ta' Sibt hija tinsab impenjata fil-librerija ta' Ħal Qormi.

Is-Sur Caruana qal li meta waqt laqgħa li kien hemm fil-preżenza tal-istess librara fejn kienet ġiet infurmat li hija kienet fuq servizz temporanju hija kienet irrimarkat li allura hija kienet fl-ingaġġ mal-Kunsill sempliċiment li ssod it-toqob.

Is-Sindku wieġbet li Sa. Zammit waqt il-laqgħa qalet li mhux daqshekk faċli li ssib persuna mħarrġa li jkun lest li jagħti s-servizz ta' librar u għalhekk fil-fehma tagħha kien tajjeb ħafna li għażel li jibda fl-ingaġġ tal-librar preżenti.

Sa. Zammit qalet ukoll li sejra tiċċara jekk hemmx il-ħtieġa ta' sejħa pubblika peress li hemm ħtieġa speċjali ta' dan is-servizz speċjalizzat li jeħtieġ taħriġ qabel wieħed jiġi mqabbad bħala librar/a.

Is-Sindku qalet ukoll li bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-Malta Libraries, il-Kunsill applika għall-fondi u tħaddim tal-VR.

Is-Sindku qalet li għalkemm il-librerija ġewwa l-Gudja hija proġett ta' suċċess dejjem ikun hemm il-ħtieġa li jittieħdu inizjattivi ġodda sabiex jiżdied il-qari.

Dwar il-ftuħ tal-librerija nhar ta' Sibt is-Sindku qalet li hija kienet lesta li tiddiskuti mas-Sindku ta' Ħal Qormi sabiex ikun hemm possibilità li l-librerija tal-Gudja tiftaħ Sibt iva u Sibt Le.

Qam ukoll il-punt li fil-librerija hemm il-ħtieġa ta' toilet li dwar dan kien diġà ħareġ DNO li issa skada.

Is-Sindku qalet li dan il-punt sejjer ukoll ikun diskuss mal-Ministru Bartolo.

Is-Sindku qalet li dwar l-attività maħsuba f'Settembru (qabel il-21 ta' Settembru 2019) hija kienet tgħaddi din l-attività fl-inkarigu tal-Kunsilliera Sa. Micallef.

Irrid ikun hemm pjan ta' din l-attività tittella' fil-miftuħ u pjan B jekk minħabba l-maltemp ikun hemm il-ħtieġa li tittella' ġewwa.

003.3.11 Appell dwar applikazzjoni ta' bini fi Triq R. Caruana. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi l-ewwel smiegħ tal-appell sar u li l-kontra parti kienu għadhom ma tawx is-sottomissjonijiet tagħhom. Is-Sindku qalet li l-appell ġie aġġornat għall-21 ta' Novembru 2019 fis-1.30pm.

F'dan l-istadju s-Sur MA Sammut iddikjara l-possibilità ta' konflitt ta' interess u għalhekk qal li kien qed jastjeni milli jieħu sehem f 'din id-diskussjoni.

Is-Sindku qalet li kif jidhru l-imejls li l-Avukat Dr. Sandro Lia bagħat il-Kunsill, l-kontra parti talbet sabiex ikunu jafu aktar dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill.

Saret diskussjoni.

Sar qbil li tissejjah laqgħa b'urġenza li għaliha jkunu preżenti l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill sabiex jassistu l-Kunsill fl-azzjonijiet u tweġibiet tal-Kunsill f'dan l-istadju dwar din il-materja.

003.3.12 Restawr fuq ġewwa fil-Knisja ta' Santa Katarina fi Triq R. Caruana, il-Gudja. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jikteb lir-Reġjun sabiex isir ix-xogħol ta' restawr fuq ġewwa kif ikun meħtieġ.

003.3.13 Sinjal tat-traffiku fi Vjal it-Torri ħdejn l-ispiżjar u l-bus-sotp fejn l-ewwel żewġ garaxxijiet. Il-Kunsill għandu jikteb lit-TM għall-approvazzjoni meħtieġa.

003.3.14 Kiosks għal waqt il-festi. Is-Sindku qalet li hija tinsab infurmata illi s-soltu l-Kunsill kien jimxi hekk fuq il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet, u gabbani:

Il-każini u l-ħwienet tal-Gudja li jinsabu fil-pjazza ma jħallsu xejn għal permess tal-imwejjed u siġġijiet imma xorta waħda jridu jagħmlu l-permess.

Dwar il-gabbani dawn iħallsu €23.29 għal tlett ijiem u jarmaw fi Triq San Mark. Xi żmien ilu l-Kunsill kien iddeċieda li jkun hemm massimu ta' tliet gabbani biss tal-ikel. F'każ li jkun hemm aktar applikazzjonijiet tal-ikel, issir polza u l-ewwel tlieta li jitilgħu jkollhom il-posta. Dawk li ma jitilgħux ovvjament jieħdu l-flus lura li ħallsu. Dawn barra tal-ġugarelli u tal-gelati.

Is-Sindku qalet li ma tarax li hija f'postha li waqt il-festi jkun hemm biss 3 kiosks tal-ikel. Sa. Micallef qalet li mingħajr kiosks tal-ikel qisha ma tkunx festa.

Il-Viċi Sindku qal li l-Gudja huwa raħal żgħir u li ma jiflaħx aktar kiosks peress li għal festi kemm il-każini kif ukoll ħwienet oħra jkollhom oppurtunità li jagħmlu ftit negozju.

Is-Sur JM Calleja enfasizza li kull min jarma għandu jkollu kontenituri biżżejjed u tajbin fejn jarmi kemm tal-kiosk kif ukoll dawk li jixtru u li tinżamm l-indafa u l-iġene.

Is-Sindku qalet li kienet sejra titlob lil Perit sabiex jagħmel studji u marki sabiex ikun hemm possibilità li jiżdiedu l-postijiet dwar kiosk tal-ikel u kiosks oħra.

Fil-fehma tas-Sindku l-limitazzjoni fin-numru ta' kiosks għandu tkun biss waħda fiżika u mhux dik arbitarja tal-Kunsill.

003.3.15 Nar tal-art għall-festa ta' Santa Marija. Is-Sindku qalet li kellha talba li peress li n-nar tal-art għall-festa ta' Santa Marija ma jkunx ta' kobor u ta' kwantità kbira jistax jintalab permess sabiex dan in-nar jintrema u jinħaraq biswit l-iskola primarja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jikkonsidra din il-materja flimkien mal-Pulizija sabiex jingħata direzzjoni qabel ma l-Kunsill jieħu xi deċiżjoni finali.

003.3.16 Bins fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qalet li dawn il-bins għandhom jitnaddfu b'mod regolari. Is-Sindku qalet ukoll li wasal iż-żmien li dawn għandhom jinbidlu peress li jidher li huma żgħar u mhux effiċjenti għaliex jimtlew malajr.

Saret diskussjoni jekk hux utli li tonfoq spiża issa peress li wieħed jobsor li r-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien tinsab fil-qrib.

003.3.17 CCTVs. Is-Sindku qalet li tinsab infurmata li hemm fondi tar-Reġjun sabiex il-Kunsill ikun jista' jwaħħal dawn is-CCTVs fejn ikun meħtieġ.

Is-Sindku talbet sabiex jinkisbu kwotazzjonijiet (preferibbilment tinkiseb ukoll l-esperjenza dwar il-furnituri) u li kull kunsillier jista' jgħin dwar dan sabiex dawn is-CCTVs jinxtraw u jitwaħħlu u jkunu fis-servizz skont il-liġi kemm jista' jkun malajr.

Is-Sindku qalet li hemm possibilità ta' life camera quddiem l-ibins biswit l-iskola primarja tal-Gudja u li din tista' ssir fi żmien qasir speċjalment jekk ikun hemm dawl biżżejjed għaliha.

003.3.18 Xogħol ta' riġenerazzjoni fi Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Ministru K Mizzi fejn infurmat li t-tender tinsab fi stadju ta' pproċessar.

003.3.19 Tabelli fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qalet li hemm il-ħtieġa li dawn it-tabelli jinbidlu peress li ħafna minnhom issa ma għandhomx jidhru u xejn ma jidher fihom.

003.3.20 Tindif fi Triq Ħal Resqun. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' tindif fi Triq Ħal Resqun.

003.3.21 Arja wara l-bus shelter fi Triq Ħal Għaxaq. Is-Sindku qalet li hemm bżonn ta' qtugħ tal-ħaxix u aktar indafa f'dawn l-inħawi.

003.3.22 One way except for residents fi Triq il-Kbira, il-Gudja. Is-Sindku qalet li hemm bżonn li l-LESA tagħmel aktar infurzar.

003.3.23 L-inħawi ta' Triq Dun Pietru Farrugia ma' Dawret il-Gudja. Is-Sindku qalet li għandu jkun hemm laqgħa mat-TM sabiex naraw dak kollu meħtieġ dwar it-traffiku ġewwa l-Gudja.

003.3.24 Xogħol ta' traqqigħ. Is-Sindku qalet li naraw x'hemm meħtieġ u wara l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni meħtieġa.

**003.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

003.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**003.5.0 Rapporti**

003.5.1 John Mary Calleja (Viċi Sindku

a. Triq il-Lewż (l-aħħar parti). Is-Sur Calleja staqsa għaliex qed jieħu tant żmien li tingħata wiċċ ieħor ta' tarmak. Is-Sindku wieġbet li hija tinsab infurmata li hemm partijiet ta' kostruzzjoni u għalhekk l-IM qed tistenna li dan jitlesta u b'hekk tkun tista' tidħol bl-inġenji tat-tarmak mingħand tfixkil u x-xogħol isir aħjar.

b. Triq il-Lewż (it-tieni parti). Is-Sur Calleja staqsa dwar xogħlijiet f'din il-parti tat-triq kif kien imwiegħed mill-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li kienet qed tinsisti mal-IM dwar dan.

c. Xogħol fi Triq il-Gudja (fl-inħawi taċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa). Is-Sur Calleja qal li kuntrattur imqabbad mill-IM kien qed jagħmel xi xogħlijiet kemm fuq parti tat-triq kif ukoll fuq il-ħin filwaqt li l-Kunsill ma kienx mgħarraf dwar dan.

   Is-Sindku stqarret li kienet sejra tikseb aktar informazzjoni dwar dak li kien qed iseħħ u għaliex il-Kunsill ma kienx infurmat dwar dawn ix-xogħlijiet.

d. Triq iż-Żebbuġa (fil-parti biswit is-sala tal-parroċċa). Is-Sur Calleja staqsa dwar f'hiex waslu sabiex jibdew dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku wieġbet li l-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat peress li għadu qed isir xi stħarriġ u li hija kienet sejra tieħu pariri dwar dan mid-DLG.

   Is-Sindku qalet ukoll li hija kienet tinsab infurmata li hemm xi diffikultà li jinsab arkeoloġiku li jkun fuq il-post waqt dawn ix-xogħlijiet (kif talbet Heritage Malta).

003.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Miżura 4.3. Is-Sur Sammut qal li partijiet mit-toroq li daħħlu fil-miżura 4.3 huma toroq fil-kampanja li qatt ma ngħataw asfalt u għalhekk il-Kunsill għandu jikkonsulta mal-IM sabiex flok tarmak jintuża materjal aktar naturali u konformi mal-ambjent tal-istess toroq.

b. Biċċa bankina nieqsa quddiem plot ġdid a76/78 Triq Sta Marija, il-Gudja. Is-Sur Sammut talab u l-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jagħmel stima tax-xogħol meħtieġ.

c. Laqgħat. Is-Sur Sammut ġibed l-attenzjoni tas-Sindku biex kwalunkwe laqgħat bħal dik li kellha mal-MIA, tinforma bihom minn qabel lill-Kunsill u l-Kunsilliera kollha sabiex possibbilment jattendu għal dawn il-laqgħat.

   Is-Sindku wieġbet li ma kellhiex diffikultà dwar dan.

d. Xandir dirett tal-laqgħat tal-Kunsill fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti mal-kuntrattur sabiex il-Kunsill jakkwista dan is-servizz.

003.5.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Arbli tat-tabelli maqlugħa minn Triq id-Dejqa, Triq Sta Katarina u Triq J. Pace. Is-Sur Caruana qal li dawn l-arbli għandhom jinqalgħu mill-aktar fiss possibbli.

b. Immaniġġjar tat-traffiku ġewwa Dawret il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li b'mod immedjat speċjalment fl-inħawi ta' fejn Triq Dun Pietru Farrugia tgħaqqad ma' Dawret il-Gudja hemm periklu serju minħabba li t-traffiku jimxi bla direzzjoni.

Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill sejjer jitlob laqgħa mat-TM sabiex jaraw li tinsab soluzzjoni dwar diversi problemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku fil-Gudja.

c. Dħul għas-service road fi Triq Ħal Għaxaq. Is-Sur Caruana qal li din is-sitwazzjoni hija ta' tħassib għar-residenti. Saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tat-TM sabiex tagħti pariri u għajnuna ta' dak meħtieġ sabiex tinsab soluzzjoni b'mod urġenti.

d. Sfrundar ta' parti minn Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li jidher ċar li din il-parti tat-triq sfrundat u hemm bżonn attenzjoni għaliex il-qagħda tista' tmur għall-agħar. Is-Sindku wieġbet li kienet qed tara dwar dan mal-IM.

e. Servizz tal-karozzi tal-linja nru 222 u 88. Is-Sur Caruana qal li hemm il-ħtieġa li s-servizz tal-karozzi tal-linja 222 u 88 jgħaddu fil-ħin opportun u mhux jidħlu fil-Gudja fl-istess ħin.

   Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill sejjer jara dwar dan mal-Malta Transport.

f. Servizz ta' kennies madwar il-Gudja. Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn li dan is-servizz jingħata aħjar.

g. Tabelli tal-Gudja. Is-Sur Caruana qal li hemm tabelli mkissrin (fit-tarf ta' Triq Ħal Safi) Merħba Gudja u li fil-bidu ta' Triq R. Caruana għandha tinqala' u titwaħħal fi Triq Ħal Għaxaq għax din tagħmel aktar sens. Is-Sur Caruana qal li hemm tabelli li ma għadhomx jidhru u għalhekk għandhom jinbidlu.

   Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill sejjer jara dwar dan flimkien mal-kuntrattur tas-sinjali tat-toroq.

h. Ġbir ta' skart. Is-Sur Caruana qal li jkun aħjar jekk matul il-ġranet tal-festi l-ġbir ta' skart ġewwa l-Gudja jsir bi trakk iżgħar ħalli wieħed jevita kull inkonvenjent. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill sejjer jara dwar dak li jista' jsir f'dan ir-rigward.

i. Attivitajiet kulturali fil-Gudja sa Diċembru 2019. Is-Sur Caruana qal li l-programm li qed jiġi mħejji huwa dan:

   i. Organ Festival – Novembru – Diċembru 2019. Is-Sur Caruana qal li qed jiltaqgħu mal-organizzaturi sabiex jaraw kif dan l-Organ Festival ikun l-aħjar kif jiġi organizzat fuq livell lokali kif ukoll dak nazzjonali.

   ii. Ispirazzjoni. Din hija wirja tal-arti mill-10 sat-13 ta' Ottubru 2019. Is-Sur Caruana qal li l-Kunsill kien qed jikkollabora mal-Arċipriet dwar il-loġistika ta' din il-wirja li daħħlet fil-kalendarju kulturali tal-Gudja.

iii. Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana qal li data possibbli hija dik tal-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019. Is-Sindku qalet li dwar dan hija kienet diġà ġie avviċinata mis-Sur M. Gravina, kuratur tal-Knisja tal-Annunzjata, sabiex ikun hemm l-aħjar kordinament possibbli.

Il-Kunsill qabel u approva s-sostenn kollu meħtieġ ta' dan il-programm kif indikat mis-Sur Caruana.

003.5.4 Maria Micallef (Kunsillier)

a. Sa. Micallef stqarret li sejra taħdem qatigħ dwar id-dekasteri tagħha u tieħu gost tinnota li Kunsilliera oħra lesti li jikkooperaw magħha f'dan il-qasam.

**003.6.0 Temi oħra tal-Kunsill Lokali**

003.6.1 Triq iż-Żebbuġa – progress. Din it-tema għadha qed tiġi diskussa u l-Kunsill qed jistenna parir mingħand id-DLG.

003.6.2 Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress. Il-Kunsill għadu ma ħax deċiżjoni dwar it-triq 'il quddiem ta' dan il-proġett.

003.6.3 Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto- progress. Il-Kunsill iffirma l-kuntratt mal-IM u qed jitlob estensjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

003.6.4 Ġnien R. Caruana – progress. Is-Sindku qalet li hija kienet sjera tiddiskuti dan mad-diriġenti tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

003.6.5 Ġnien Ġlormu Cassar – progress. Is-Sindku qalet li kienet qiegħda tiddiskuti dan direttament mal-Ministru K. Mizzi.

**003.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

003.7.1 Qabel ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana fakkru li huma kienu qed jastjenu milli jiffirmaw b'sens ta' protesta għal fatt li l-bye-law imfassal mill-Kunsill baqgħet pendenti minkejja li qatt ma kien hemm oġġezzjoni uffiċjali għaliha mill-Ministru.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana qalu li din id-darba huma kienu qed jiffirmaw iżda talbu lis-Sindku sabiex sal-laqgħa li jmiss tagħtihom indikazzjoni tat-triq 'il quddiem dwar din il-bye-law, anke għal fatt li fil-kampanja elettorali għal diversi drabi s-Sindku MS Vella għamel aċċenn li għandha soluzzjonijiet differenti minn hekk (dwar il-bye-law) għall-problema tal-parkeġġ.

**003.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

003.8.1 Tender – skart domestiku. Il-Kunsill qabel li joħroġ din it-tender.

003.8.2 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8.51pm. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 03 ta' Settembru 2019 fis-6.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

Marija Sara Vella
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv